# QALB OMMU

## (LEĠĠENDA)

*Ta'* Jos. M. Manara

Staħbiet għal żmien u xandret li hi msiefra
Xennqitu b'ġmielha, u f'qalbha daħket bih;
Nasbitu b'ħażen kbir ta' mara kiefra
Biex tkompli tonsob dan l-għasfur sabiħ.

Bis-sengħa tax-xitan għamlitu tagħha,
Xejnitlu moħħu, baqgħet sa ma ħlietu;
Xebgħana hi, ħallietu fqir bla saħħa......
Biex teħles minnu żgur b'dal-kliem keċċietu:

Jekk tħobbni oqtol 'l ommok u ġib qalbha.
Int lilha tħobb u dejjem moħħok fiha.
Dejjaqtni! Itlaq! Issa xbajt imsallba,
U 'l hawn tersaqx sa tasal dik is-siegħa".

Idamdam f'moħħu beda l-kliem li sama',
Kien dara jobdi għal kull xewqa tagħha,
U bla ma jaf, b'sikkina 'l idu rama,
Kif qaltlu sar, u b'ġibda l-qalb qalagħha.

Qalagħha biex jeħodha lis-saħħara;
Żelaq u weġġa', u baqa' għajjien taħt ħajt.
Qalb ommu ferfret, u staqsiet bi ħrara:
Ibni!... Jaħasra!... Għidli, int weġġajt?!